MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 683/2009

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

***Kirja Limited*, Piju u Victoria miżżewġin Micallef, u Michelle Micallef**

Is-soċjetà attriċi wara li fissret illi s-soċjetà konvenuta *Kirja Limited* bħala debitriċi ewlenija għandha tagħtiha mitejn u erbgħa u tletin elf u sitta u ħamsin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€234,056,34), bilanċ passiv f'*loan* u *overdraft accounts*, flimkien mal-imgħax mill-25 ta' Mejju 2009 sa meta jsir il-ħlas, u illi l-konvenuti Piju u Victoria Micallef intrabtu *in solidum* mad-debitriċi ewlenija sa ħdax-il elf, sitt mija u sebgħa u erbgħin euro (€11,647), u illi l-konvenuta Michelle Micallef intrabtet *in solidum* mad-debitriċi ewlenija sa mitejn u erbat elef, disa' mija u erbgħa u tmenin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€204,984.86),

talbet illi l-qorti, wara li tgħid illi seħħew ġrajjiet illi minħabba fihom id-dejn għandu jitħallas minnufih:

- tikkundanna lil *Kirja Limited* tħallas mitejn u erbgħa u tletin elf u sitta u ħamsin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€234,056,34) flimkien mal-imgħax mill-25 ta' Mejju 2009 sa meta jsir il-ħlas;
- tikkundanna lil Piju u Victoria Micallef iħallsu ħdax-il elf, sitt mija u sebgħa u erbgħin euro (€11,647) flimkien mal-imgħax mill-25 ta' Mejju 2009 sa meta jsir il-ħlas; u
- tikkundanna lil Michelle Micallef tħallas mitejn u erbat elef, disa' mija u erbgħa u tmenin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€204,984.86) flimkien mal-imgħax mill-25 ta' Mejju 2009 sa meta jsir il-ħlas.

L-attriċi talbet ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' tliet ittri uffiċjali tas-7 ta' Mejju 2009.

Il-konvenuti, għalkemm notifikati bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma dehrux, ma ressqux eċċezzjonijiet u baqgħu kontumaċi, u lanqas ma għamlu sottomissjonijiet wara li l-qorti tathom is-setgħa li jagħmlu hekk kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kap. 12.

Billi mill-provi mressqa mill-attriċi jidher illi l-konvenuti tassew huma debituri tal-attriċi fl-ammont mitlub, u seħħew ukoll ġrajjiet li minħabba fihom id-dejn għandu jitħallas minnufih, il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somom mitluba mill-attriċi, b'dan illi dak kollu li jitħallas, b'kollox, mid-debitriċi ewlenija u l-garanti solidali ma għandux jaqbeż il-bilanċ tad-dejn ewlieni u l-imgħaxijiet relativi.

Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu wkoll l-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------